MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 1096/2006

**Raymond Grech**

**vs**

**Gorg Camenzuli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih l-attur ippremetta illi:

Permezz ta` sentenza tal-21 ta` Gunju, 1993 (55/93 AJM) ta` dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet: *'Raymond Grech vs Gorg Camenzuli'* (kopja hawn annessa u mmarkata dokument *'A'*) l-intimat gie ordnat minn dina l-Qorti biex fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jaghmel ix-xogholijiet indikati fic-citazzjoni.

Dawn ix-xogholijiet fil-fatt qatt ma saru l-esponent kellu jinkariga mastrudaxxa iehor sabiex jaghmel l-istess xoghol li l-konvenut gie ordnat jesegwixxi bl-ordni tal-Qorti.

B`sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti tal-31 ta` Jannar, 1996 fl-ismijiet *'Raymond Grech vs Gorg Camenzuli'* (Citazzjoni numru 1512/93AJM) (kopja ta` dina s-sentenzi hija hawn annessa u mmarkata Dok. *'B'*), l-intimat gie ikkundannat ihallas l-esponent is-somma ta` mitejn u sittin liri maltin (Lm260), l-imghax legali li jammontaw ghall-mitejn u ghoxrin liri maltin u hdax-il centezmi (Lm220.11) mill-31 ta` Jannar, 1996, d-data tas-sentenza sal-31 ta` Awissu, 2006 (salvi imghaxijiet ulterjuri) u s-somma ta` tlett mija u disgha liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm309.22) bhala spejjez skond it-taxxi tal-fuq imsemmija kawzi hawn annessi u markati bhala (Lm309.22) bhala spejjez skond it-taxxi tal-fuq imsemmija kawzi hawn annessi u mmarkati bhala *'Dok. C u D'*, li b`kollox jammontaw ghal sebgha mija u disgha u tmenin liri Maltin u tlieta u tlettin centezmi (Lm789.33).

Ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-imsemmi bilanc, l-intimat baqa` inadempjenti.

Ir-rikorrent umilment jitlob lill-Onorabbli Qorti biex tawtorizzah jipprocedi sabiex jezegwixxi l-imsemmija sentenza nonostante li ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta` l-istess, kontra l-intimat skond l-fuq citata sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti u dana ai termini ta` l-artikolu 258 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzha jezegwixxi s-sentenza fuq citata tal-31 ta` Jannar, 1996 fl-ismijiet premessi kontra l-intimat u dana taht kull provvediment illi joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta.

1. Fl-ewwel lok ir-rikorrent Raymond Grech irid jispjega ghalfejn ma segwix tali sentenza ghal dawn is-snin kollha

ghaliex certament li d-dritt taghna ma jaghtix kenn lil min jittrasfura illi jasserixxi l-allegati drittijiet tieghu.

2. L-esponent qed jikkontesta wkoll illi l-ammont dovut m`huwiex dak indikat mill-istess rikorrent izda huwa ammont inferjuri.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tal-attur gew ampjament pruvati a sodisfazzjon ta` din il-Qorti.

Ikkunsidrat illi l-intimat ma gab ebda prova in sostenn ta` dak allegat minnu fir-risposta tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa` t-talba u tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-31 ta` Jannar, 1996 fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------